



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 46/26

Il-Lussemburgu, 20 ta' Marzu 2026

Statistika ġudizzjarja 2025: attività intensiva u tnaqqis fit-tul tal-proċeduri

Il-Qorti tal-Ġustizzja

- **Jibqa' għoli n-numru ta' kawżi mressqa**, minkejja t-trasferiment ta' 65 talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti Ġenerali.
- **Attività ġudizzjarja intensiva b'numru ta' kawżi magħluqa qrib dak irreġistrat mill-2021 lil hawn** (bl-eċċezzjoni tal-2024 li kienet sena ta' tibdil parzjali li kien jeħtiegħ l-għeluq bi prijetà ta' numru ta' kawżi eċċezzjonalment għoli).
- **Tnaqqis fit-tul medju tal-proċeduri** (16.7 xhur, meta mqabbel ma' 17.7 xhur fl-2024).
- Numru kbir ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari mill-**Italja** u mill-**Polonja**.

Il-Qorti Ġenerali


- **L-ikbar numru ta' kawżi magħluqa fl-istorja tal-qorti** matul sena kalendarja.
- **Numru rekord ta' kawżi mressqa iżda tnaqqis fil-volum ta' kawżi pendenti għall-iktar livell baxx** tal-aħħar 18-il sena.
- **Tnaqqis sinjifikattiv fit-tul medju tal-proċeduri** (16-il xahar, meta mqabbel ma' 18.5 xhur fl-2024).

In-numru ta' kawżi mressqa quddiem iż-żewġ qrati fl-2025 kien ta' 1 878 (1 706 fl-2024).

Fir-rigward tan-numru ta' kawżi ttrattati, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali għalqu total ta' 1 898 kawża fl-2025, numru dan li jieħu inkunsiderazzjoni sensiela ta' 404 kawżi magħquda, essenzjalment identiċi, bħala kawża waħda (għal finijiet ta' paragon: fl-2024 ingħalqu 1 784 kawża, li kien diġà numru eċċezzjonali meta mqabbel mas-snin ta' qabel, jiġifieri 1 687 fl-2023 u 1 666 fl-2022).

In-numru ta' kawżi pendenti quddiem iż-żewġ qrati huwa ta' 2 489, li jikkonferma t-tnaqqis osservat is-sena li għaddiet (2 509 fl-2024 u 2 587 fl-2023).

Evoluzzjoni ġenerali tal-attività ġudizzjarja tal-Istituzzjoni (2021 sa 2025)



Ħarsa ġenerali	2021	2022	2023	2024	2025
Kawżi mressqa	1 720	1 710	1 689	1 706	1 878
Kawżi magħluqa	1 723	1 666	1 687	1 784	1 898
Kawżi pendenti	2 541	2 585	2 587	2 509	2 489

Il-Qorti tal-Ġustizzja


Is-sena li għaddiet kienet ikkaratterizzata mit-tressiq ta' numru sinjifikattiv ta' kawżi ġodda, bi **889 kawża** mressqa. Dan in-numru jirrappreżenta tnaqqis żgħir meta mqabbel mas-sena ta' qabel, li matulha tressqu 920 kawża. Madankollu, li kieku ma ġietx implimentata r-riforma tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li permezz tagħha l-kompetenza preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja ġiet ittrasferita lill-Qorti Ġenerali f'sitt oqsma speċifiċi, in-numru ta' kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja matul l-2025 kien ikun ta' 954 kawża, jiġifieri numru qrib ir-rekord li ntlaħaq fl-2019 meta tressqu 966 kawża.

Is-sena 2025 kienet ikkaratterizzata wkoll minn attività ġudizzjarja intensiva sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja għalqet **774 kawża**, jiġifieri numru simili għal dak tas-sena ta' qabel (792 fl-2020, 772 fl-2021, 808 fl-2022 u 783 fl-2023), ħlief għas-sena 2024 li r-riżultat li ntlaħaq matulha (862 kawża) kien marbut mal-ħtieġa li jingħalqu numru sinjifikattiv ta' kawżi qabel it-tluq tal-lmħallfin li l-mandat tagħhom kien wasal biex jintemm.

Fir-rigward tat-**tul medju tal-proċeduri**, dan kien ta' 16.7 xhur, meta jitqiesu t-tipi kollha ta' kawżi, meta mqabbel ma' 17.7 xhur fis-sena ta' qabel. It-tnaqqis jikkonċerna t-tipi kollha ta' kawżi: minn 17.2 għal 16.9 xhur għall-kawżi għal deċiżjoni preliminari, minn 21.5 għal 20 xhur għar-rikorsi diretti u minn 18.4 għal 15.1 xhur għall-appelli.


L-iżbilanċ bejn in-numru ta' kawżi mressqa u n-numru ta' kawżi magħluqa kellu bħala konsegwenza li n-numru ta' kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru 2025 żdied meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Dan issa huwa ta' 1 322 kawża, meta mqabbel ma' 1 207 fil-31 ta' Diċembru 2024.

Attività ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja: kawżi mressqa, magħluqa, pendenti (2021 sa 2025)



Wersa ġenerali	2021	2022	2023	2024	2025
Kawżi mressqa	838	806	821	920	889
Kawżi magħluqa	772	808	783	862	774
Kawżi pendenti	1 113	1 111	1 149	1 207	1 322

Kawżi għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mill-qradi tal-Istati Membri (2025)



BE	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	EL	ES	FR	HR	IT	CY	LV	LT	LU	HU	MT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SK	FI	SE	Ohra	Total
33	42	6	7	61	1	9	10	26	17	1	110	0	6	15	1	19	1	35	47	63	17	31	4	9	3	5	1 ¹	580

L-analiżi tal-orġini ġeografika tat-talbiet għall-deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-2025 turi li dawn waslu minn kważi l-Istati Membri kollha, b'numru kbir ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-qrati **Taljani** (110 talbiet) u minn dawk **Pollakki** (63 talba) ².

Il-Qorti Ġenerali

Fl-2025, il-Qorti Ġenerali għalqet l-ikbar numru ta' kawżi li qatt qatgħet fl-istorja tagħha matul sena kalendarja. Minkejja numru rekord ta' kawżi mressqa, hija naqqset il-volum ta' kawżi pendenti għall-iktar livell baxx ta' dawn l-aħħar 18-il sena.

B'**989** kawża mressqa u żieda ta' **26 %** meta mqabbla mas-sena ta' qabel, il-Qorti Ġenerali rreġistrat l-ogħla livell ta' kawżi ġodda fl-istorja tagħha. Anki jekk ma jingħaddux il-65 talba għal deċiżjoni preliminari mressqa fl-oqsma ttrasferiti lill-Qorti Ġenerali lejn l-aħħar tal-2024, in-numru ta' 924 rikors dirett u proċeduri partikolari jaqbeż dak tal-aħħar ħames snin.

Fir-rigward tar-rikorsi diretti, wieħed josserva tnaqqis żgħir fin-numru ta' kawżi mressqa fil-qasam tad-drittijiet tal-**proprietà intellettwali** (257 kawża, meta mqabbla ma' 268 fl-2024, jiġifieri tnaqqis ta' 4 %).

Il-kawżi dwar is-**servizz pubbliku** mressqa fl-2015 żdiedu b'mod sinjifikattiv (109 kawżi, meta mqabbla ma' 76 fl-2024, jiġifieri żieda ta' 43 %). Dan il-qasam jirrappreżenta 11 % tal-kawżi kollha mressqa fl-2025.

Fil-qasam tal-**għajnuna mill-Istat**, in-numru ta' kawżi mressqa fl-2025 (27), għalkemm ftit ogħla minn dak tal-2024 (23), baqa' fl-livell inqas mil-livelli għolja li l-Qorti Ġenerali osservat fil-passat. Fl-aħħar nett, il-kawżi fil-qasam tal-**kompetizzjoni** baqgħu fl-livell ekwivalenti għal dak tas-snin 2023 u 2024, bi tnax-il kawża ġdida mressqa fl-2025.

Il-kawżi dwar il-**miżuri restrittivi** komplew jalimentaw l-attività tal-Qorti Ġenerali, b'105 kawżi ġodda mressqa fl-2025 (imqabbla ma' 63 fl-2024). Il-maġġoranza (84 minn 105) ta' kawżi ġodda li jaqgħu f'dan il-qasam jikkonċernaw is-sensiela ta' miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni Ewropea b'rabta mal-gwerra mibdija mir-Russja kontra l-Ukraina, inklużi dawk li jirriżultaw mill-involviment tal-Bjelorussja, mis-sitwazzjoni fil-Moldova, mill-appoġġ militari mill-Iran lir-Russja jew mill-attivitàjiet ta' din tal-aħħar intiżi li jiddestabbilizzaw l-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha.


Il-kawżi dwar il-**politika ekonomika u monetarja**, qasam li jinkludi b'mod partikolari d-dritt bankarju, komplew jonqsu b'mod kunsiderevoli (12-il rikors ippreżentat u kawża mibgħuta lura wara appell mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-2025, imqabbla ma' 33 kawża mressqa fl-2024 u 56 fl-2023).

In-numru globali ta' **kawżi magħluqa** fl-2025 kien ta' 1 527, iżda, jekk is-sensiela ta' 404 kawżi, essenzjalment identiċi, imressqa fl-2023 u maqtugħa f'Diċembru 2025 (T-620/23 sa T-1023/23) jingħaddu bħala kawża waħda, dan in-numru xorta waħda jilħaq l-1 124, jiġifieri żieda ta' 22 % meta mqabbel mal-2024. **Dan huwa l-ogħla livell fl-istorja tal-Qorti Ġenerali**, u huwa nettament ogħla mir-rekord preċedenti ta' 1 009 kawżi magħluqa, li kien intlaħaq fl-2018.

B'hekk, minkejja r-reġistrazzjoni ta' numru mingħajr preċedent ta' kawżi ġodda, il-Qorti Ġenerali rnexxielha **tnaqqas il-volum ta' kawżi pendenti** għal 1 167, jiġifieri l-iktar livell baxx mill-2007 lil hawn.

L-isforzi mwettqa ppermettew **li jitnaqqas b'mod sinjifikattiv it-tul tal-proċeduri**. Fil-fatt, għalkemm dan it-tul ikun ta' 18.9 xhur jekk titqies id-data globali, dan fil-verità kien ta' 16-il xahar (meta mqabbel ma' 18.5 fl-2004) jekk il-grupp ta' 404 kawżi essenzjalment identiċi msemmija iktar 'il fuq jingħaddu bħala kawża waħda.

Attività ġenerali tal-Qorti Ġenerali: kawżi mressqa, magħluqa, pendenti (2021 sa 2025)




Ħarsa ġenerali	2021	2022	2023	2024	2025
Kawżi mressqa	882	904	868	786	989
Kawżi magħluqa	951	858	904	922	1 124
Kawżi pendenti	1 428	1 474	1 438	1 302	1 167

Fir-rigward tad-domandi preliminari, is-sena 2025 kienet l-ewwel sena sħiħa mir-riforma tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li permezz tagħha l-kompetenza preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja ġiet ittrasferita lill-Qorti Ġenerali f'sitt oqsma speċifiċi.

65 talba għal deċiżjoni preliminari ġew ittrasferiti lill-Qorti Ġenerali fl-oqsma li jaqgħu fil-kompetenza tagħha. 24 minnhom jikkonċernaw is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), 18 jikkonċernaw il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri f'każ li jiġu miċħuda milli jitilgħu abbord jew ta' dewmien jew kanċellazzjoni ta' servizzi tat-trasport, 8 jikkonċernaw il-Kodiċi Doganali, 7 jikkonċernaw id-dazji tas-sisa, 7 jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tariffarja tal-oġġetti skont in-Nomenklatura Magħquda u waħda tikkonċerna s-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra.

It-talbiet għal deċiżjoni preliminari waslu minn 17-il Stat Membru differenti. Il-Ġermanja, b'21 rinviju, tikkontribwixxi ferm għat-total, segwita mill-Awstrija u mill-Polonja, b'7 rinviji kull waħda, u mill-Bulgarija, b'6 rinviji. Għandu jiġi osservat ukoll li, bħala total, 13-il qorti suprema, minn 13-il Stat Membru differenti, għamlu rinviji li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Ġenerali.

Kawżi għal deċiżjoni preliminari ttrasferiti lill-Qorti Ġenerali (2025)



BE	BG	DK	DE	EL	ES	IT	LV	LT	HU	NL	AT	PL	PT	RO	FI	SE	Total
4	6	2	21	1	1	1	1	2	3	2	7	7	2	3	1	1	65

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ibqgħu konnessi!



¹ Kawża [C-682/25](#), Crossryn (High Court of Justice, London).

² In-numru kbir ta' rinviji magħmula mill-qorti Taljani huwa dovut, fil-parti l-kbira tagħhom, għad-dubji li kellhom dawn il-qorti dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-[Direttiva 2013/32/UE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali u, b'mod partikolari, dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-kunċett ta' "pajjiż ta' oriġini sigur". Fir-rigward tar-rinviji magħmula mill-qorti Pollakki, il-maġġoranza tagħhom jikkonċernaw l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-[Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE](#) tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kontratti mal-konsumaturi, jew tad-[Direttiva 2008/48/KE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE.